MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2009

Numru. 387/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Boufersada Sofiane**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Boufersada Sofiane ta’ 27 sena imwieled l- Algerija fil- 11 ta’ April, 1982, iben Rabh u Am Asad residenti Algerija, CTV 532 LG. BT 14. IV, Algeria u detentur ta’ passaport Algerin bin- numru 6186949.

Akkuzat talli f’ dawn il- Gzejjer, fis- 27 ta’ Gunju, 2009 u matul dawn l- ahhar granet ta’ qabel din id- data:-

Kellu fil- pussess tieghu ir- raza mehudha mill- pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza u dan bi ksur ta’ l- artikolu 8(a) tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-resposabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------